**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 238/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

[redacted]

**Illum, 23 ta' Ottubru 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-13 ta' Ġunju 2023 fil-konfront ta' [redacted], iben [redacted], imwieled nhar il-[redacted] [redacted] detentur tal-karta tal-identità bin-numru [redacted], li ġie mixli talli:

   Għax-xahar ta' Jannar 2021, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas milli jagħti lil [redacted] u/jew lil uliedu, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala

manteniment għaliha u/jew għall-ulied, fi żmien ħmistax (15)-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha titħallas dik is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 338(z) u 7 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat [redacted] (illum l-appellant) ħati tal-imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu, fejn wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberat lill-istess imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza. In oltre, skont l-Artikolu 24 tal-istess Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat iħallas il-bilanċ ta' mitejn ewro (€200).

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat, li kkonferma li fehem l-istess.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi [redacted] appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tirrevoka s-sentenza moghtija fit-13 ta' Ġunju 2023 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (kif presjeduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Lara Lanfranco LL.D.) fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija -vs-* [redacted] *(Każ Numru 2/D/311/2021) u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija; u f'każ li din l-Onorabbli Qorti ma joġgħobhiex tilqa' dan l-appell fuq ir-reita' izda joġgħobha tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, l-esponent jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti joġgħobha sabiex fiċ-ċirkostanzi ottenenti tvarja l-piena fuqu inflitta għall-piena oħra li tkun inqas severa*".

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġbet għall-appell tal-appellant [redacted] billi sostniet illi din il-Qorti għandha tiċħad it-talba tal-appellant fl-intier tagħha u tikkonferma s-sentenza appellata, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-partijiet trattaw ir-rikors tal-appell fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti nhar id-29 ta' Mejju 2024.

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar id-19 ta' Frar 2021, sar rapport ġewwa l-Għassa ta' Ħaz-Zebbuġ da parti ta' [redacted] (ID [redacted])), illi rrappurtat illi missier it-tfal minuri tagħha ossia l-appellant [redacted], ma kienx qiegħed iħallas il-manteniment dovut skont digriet tal-Onor. Imħallef Abigail Lofaro. Hija stqarret illi skont rikors (*recte:* digriet) tal-1 ta' Jannar 2021, [redacted] kellu jħallas mensilment is-somma ta' sitt mitt ewro (€600), rappreżentanti manteniment (li qabel kien ta' erba' mitt ewro (€400)), kif ukoll is-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), rappreżentanti ħlas ta' *home loan*, b'dan illi skont il-parte ċivile, l-appellant kien naqas milli jħallas is-somma ta' mitejn ewro (€200) bħala manteniment, ossia l-awment skont id-digriet tal-1 ta' Jannar 2021.

7. Jirriżulta wkoll illi l-Pulizija ppruvat diversi drabi tkellem lil[redacted] dwar dan ir-rapport, inkluż billi ntbagħtet *letter to call* sabiex l-appellant imur ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ, iżda huwa baqa' ma marx.[1] Sussegwentement, nhar il-31 ta' Mejju 2021 bdew il-proċeduri kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'

[1] Affidavit ta' PC 1057, a fol. 6 tal-proċess.

Ġudikatura Kriminali, u kif ingħad, nhar it-13 ta' Ġunju 2023 ingħatat is-sentenza appellata fil-konfront tiegħu.

8. Illi permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta mill-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti tal-ħlas magħmul minnu u dan in kwantu huwa jsostni illi dejjem ħallas is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) bħala manteniment għal uliedu, u allura anke wara illi l-manteniment ordnat ġie awmentat bid-digriet tal-1 ta' Jannar 2021, minn erba' mitt ewro (€400) għal sitt mitt ewro (€600), huwa baqa' in linea mad-digrieti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), b'dan għalhekk illi ma jirriżultawx l-elementi tar-reat in kwistjoni. Skont l-appellant, dak li kellha teżamina l-ewwel Qorti m'huwiex jekk tħallsitx is-somma totali ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850), rappreżentanti in kwantu għal sitt mitt ewro (€600) manteniment u in kwantu għal mitejn u ħamsin ewro (€250), ħlas tal-*loan,* iżda biss jekk tħallsitx is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) dovuti minnu bħala manteniment, liema ħlas dejjem sar. L-appellant isostni illi meta huwa kien qed iħallas sitt mija u ħamsin ewro (€650) fix-xahar, huwa kien qed ikopri sitt mitt ewro fix-xahar (€600) qua manteniment, u għalhekk la darba din l-aħħar somma baqgħet titħallas fil-kont bankarju tal-parte ċivile, ma jista' jirriżulta l-ebda reat. Isostni illi huwa ma kellu l-ebda intenzjoni kriminuża illi ma jonorox l-obbligu tal-manteniment, tant illi huwa ħallas il-manteniment dovut, iżda kien jeħtieġlu iżjed żmien sabiex jirregola ruħu dwar il-ħlas tal-*loan,* kif fil-fatt għamel sussegwentement.

9. Illi din il-Qorti tibda billi tfakkar li l-prinċipju regolatur imħaddan fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jibqa' dejjem dak illi din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi kif magħmul minn dik il-Qorti, kemm il-darba jirriżulta illi l-ewwel Qorti setgħet raġonevolement u legalment tasal għal dik il-konklużjoni li tkun waslet għaliha. F'dan il-kuntest, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-

konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[2]

10. Illi jingħad illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi fis-seduta miżmuma quddiem l-ewwel Qorti nhar l-4 ta' April 2022, ġie vverbalizzat illi "*Il-provi li gew prodotti u d-deposizzjonijiet tax-xhieda mill-partijiet fil-kawza numru 47 fuq il-lista tallum jistghu jintuzaw bhala prova f'dawn il-kawzi kollha b'referenza pero` ghall-perjodu rispettiv u ghaldaqstant m'hemmx il-htiega li kemm il-parte civile kif ukoll l-imputat jergghu jiddeponu f'dawn il-proceduri*".[3] Għalhekk din il-Qorti ħadet konjizzjoni tax-xhieda tal-parte ċivile [redacted] tas-6 ta' Diċembru 2021 u tad-dokumenti minnha prodotti matul din ix-xhieda[4], kif ukoll tax-xhieda tal-appellant [redacted] tal-istess data, inkluż id-dokumenti esebiti minnu[5], liema xhieda u dokumenti jinsabu fl-atti proċesswali tal-appell bin-numru 239/2023 fl-istess ismijiet, li wkoll qed jiġi deċiż illum minn din il-Qorti. Din il-Qorti tinnota wkoll illi mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-ewwel Qorti, f'dawn l-aħħar proċeduri, nhar l-4 ta' April 2022, jirriżulta illi l-kawża fl-istess ismijiet kienet iġġib in-numru 47 fuq il-lista ta' dakinhar.

---

[2] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

[3] Ara a fol. 5 tal-atti proċesswali.

[4] Ara a fol. 5 *et seq* tal-atti proċesswali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs [redacted]', Appell Numru 239/2023.

[5] Ara a fol. 44 *et seq* tal-atti proċesswali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs [redacted]', Appell Numru 239/2023.

11. Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi b'digriet datat 7 ta' Awwissu 2020[6], il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) per l-Onor. Imħallef Dr. Abigail Lofaro, *inter alia* ordnat illi l-missier ossia l-appellant iħallas is-somma ta' erba' mitt ewro (€400) fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, liema somma tinkludi sehmu mill-ispejjeż għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri. Oltre minn hekk, skont l-istess digriet, huwa kellu jħallas ukoll nofs il-pagament tal-*loan* fuq l-appartament imsemmi fl-istess digriet. Imbagħad, permezz ta' digriet ieħor tal-istess Qorti tal-1 ta' Jannar 2021[7], l-appellant ġie ordnat illi jħallas is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) għala manteniment għall-ulied, liema ammont kellu jkopri sehmu mill-ispejjeż għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri.

12. Għaldaqstant, mill-1 ta' Jannar 2021, l-appellant kellu jivversa bħala manteniment għall-minuri, inkluż sehmu mill-ispejjeż għas-saħħa u l-edukazzjoni tagħhom, is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) u mhux erba' mitt ewro (€400), ma' liema somma huwa kien għadu marbut li jivversa, skond it-termini tad-digriet oriġinali tas-7 ta' Awwissu 2020, nofs il-ħlas tal-*loan,* li mix-xhieda tal-parte civile u anke tal-appellant, jirriżulta illi kien ta' mitejn u ħamsin ewro (€250).

13. Illi jirriżulta mix-xhieda tal-parte civile, kif ukoll mix-xhieda tal-appellant quddiem l-ewwel Qorti, illi wara d-digriet tal-1 ta' Jannar 2021, l-istess appellant baqa' jħallas lill-parte civile is-somma ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), kif kien jagħmel qabel dan id-digriet, u dan minflok is-somma globali ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850), rappreżentanti kemm il-manteniment kif awmentat, kif ukoll sehmu mill-*home loan.* Fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant jixhed illi la darba huwa kien qed iħallas sitt mija u ħamsin ewro (€650), huwa kien mingħalih illi kien qed iħallas il-manteniment kif awmentat ta' sitt mitt ewro (€600). Skont hu, dejjem kienet l-intenzjoni tiegħu illi jħallas il-manteniment dovut fl-intier tiegħu, b'dan illi huwa kien ħallas ukoll xi spejjeż in konnessjoni mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri, minkejja illi sehmu minn dawn l-ispejjeż kellhom ikunu nkluzi fil-manteniment. Kien għalhekk illi skont hu, ma baqax iħallas is-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) dovuta in kwantu għall-*home loan.*

---

[6] Ara a fol. 21 tal-proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs [redacted]', Appell Numru 239/2023.
[7] Ara a fol. 27 tal-proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs [redacted]', Appell Numru 239/2023.

14. Fir-rigward din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti. Li kieku kien minnu dak li jixhed l-appellant, allura huwa kien iħallas biss sitt mitt ewro (€600) u mhux jibqa' jħallas is-somma ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), kif kien jagħmel wara d-digriet tas-7 ta' Awwissu 2020. L-appellant m'huwiex ħlief jilgħab bil-kliem u bis-somom li ġie ordnat illi jħallas mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Dak li għamel l-appellant kien sempliċiment li baqa' jħallas is-somma li kien ordnat illi jħallas permezz tal-ewwel digriet, mingħajr għalhekk ma ħallas l-awment fil-manteniment kif ordnat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bid-digriet tagħha tal-1 ta' Jannar 2021. Fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, fil-fatt l-appellant jammetti illi huwa ma setax iħallas iżjed minn dak li kien iħallas:

> Avukat: Issa ha naghmillek domanda specifika. Inti kellek 650 bhala loan 250 loan u 400 manteniment u inti hallejthom 650. Ghalkemm is-600 qed tgħid li huma manteniment għal xiex hallejthom 650?
>
> Xhud: **Ma stajtx inħallas izjed hux**. Jien ħallast fuq tlett elef ewro skejjel u affarijiet. (enfasi ta' din il-Qorti)

15. Kif tgħid l-ewwel Qorti, huwa la għamel arranġamenti mal-bank sabiex is-somma li kellha tiġi depożitata fil-kont bankarju tal-parte civile tiġi awmentata u lanqas ma ntavola rikors sabiex jitlob lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex id-digriet jiġi varjat u biex b'hekk jitnaqqas il-manteniment dovut minnu fid-dawl tal-ħlasijiet illi huwa kien ivversa waħdu fir-rigward tal-ispejjeż konnessi mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-ulied minuri. Dan minkejja illi fix-xhieda tiegħu huwa jilmenta mill-fatt illi għalkemm il-manteniment dovut kien jinkludi sehmu mill-ispejjeż dwar is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri, huwa kien qed iħallas ħafna iżjed minn dak dovut minnu la darba ħallas xi spejjeż għas-saħħa u għall-edukazzjoni waħdu, u la darba wkoll il-minuri kienu jkunu miegħu il-Ġimgħa u s-Sibt. Ingħad hekk mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti:

> Qorti: Ha nistaqsik xi haga, jekk inti kont qed thossok b'dan il-mod qatt ghamilt xi talba, xi rikors fil-Qorti tal-Familja biex jigi varjat id-digriet kif inhareg ghax id-digriet kif hareg huwa car u ma tantx idur mal-lewza jew ihalli ghall-interpretazzjoni, car. Mela jekk inti

kellek dawn l-issues li qed issemmili fejn inti kont qed tħallas iktar affarijiet li kif qed tghid int suppost kienet qed thallas ghalihom hi qatt hadt l-izbriga jew l-inizjattiva biex id-digriet li hareg jigi varjat b'xi mod biex inti almenu tigi pacifikat ha nghidu hekk għal dawk l-ispejjez li digà kont qieghed tonfoq apparti?

Xhud: Jiena qabel kelli avukat iehor u kont nghidlu dawn l-affarijiet u kien jghidli biex nibghatu ittra legali.

Qorti: U l-avukat jigifieri m ghamilhiex din.

Xhud: U mbaghad kelli nibdel l-avukat ukoll.[8]

16. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, u għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

17. Illi fit-tieni gravam li ġie sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, l-appellant jilmenta mill-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u dan għaliex fil-fehma tiegħu, din hija waħda severa meta jiġi meqjus it-terminu mpost fuqu u li l-ammont kien wieħed relattivament baxx, li jkopri biss parti mill-manteniment dovut għal perjodu qasir.

18. Illi jingħad li huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita` illi jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004,* filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of**

[8] Ara a fol. 46 tal-atti proċesswali fl-atti tal-Appell Numru 239/2023.

**Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '*...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*." Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**[9]

19. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analizi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[10]

---

[9] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45

[10] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

20. Illi din il-Qorti tqis illi m'għandha tiċċensura xejn fil-piena erogata mill-ewwel Qorti u dan hekk kif dik il-Qorti, fit-termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberat lill-appellant bil-kundizzjoni illi ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza (oltre illi fit-termini tal-Artikolu 24 tal-Kap. 446, huwa ġie ordnat li jħallas il-bilanċ dovut ta' mitejn ewro (€200)). Din il-Qorti tqis illi din il-piena mhux biss hija waħda fil-parametri tal-liġi, iżda hija wkoll raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

21. Għalhekk, dan l-aggravju wkoll qiegħed jiġi miċħud.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant [redacted] u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-perjodu operattiv tal-liberazzjoni kundizzjonata għandu jibda jgħaddi mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-appellant, fi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

**Joyce Agius**
**Deputat Reġistratur**